**13 ta' Ġunju, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. Hist.S.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Isidoro Agius

*versus*

Giuseppi Bugeja

**Ritrattazzjoni - Kontradizzjoni fis-Sentenza - Żball mill-Atti**

*Biex ikun hemm lok għal ritrattazzjoni fuq il-motiv tal-kontradizzjoni fis-sentenza hemm bżonn li tkun kontradizzjoni bejn id-diversi disposizzjonijiet kontenuti fis-sentenza u mhux bejn id-disposizzjonijiet u l-fatti li jirriżultaw mill-proċess.*

*Jekk l-iżball akkampat bħala motiv għar-ritrattazzjoni kien punt ta' kontestazzjoni li ġie maqtugħ bid-deċiżjoni impunjata, mhux ammessa*

*r-ritrattazzjoni fuq il-motiv ta' l-iżball. L-apprezzament u l-interpretazzjoni tal-fatti mhux sindakabbli.*

Il-Qorti:-

Fil-11 ta Ġunju, 1992 din il-Qorti, diversament komposta ippronunzjat is-segwenti sentenza:

"Il-Qorti:

Rat id-deċiżjoni tal-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba` ta' l-14 ta' Lulju,1989 li minnha hemm l-appell preżenti u li taqra hekk:

"Il-Bord, ra r-rikors fejn ir-rikorrenti ppremetta li jikri l-għalqa fi Triq tat-Tiġrija konsistenti f'ħamest itmiem (5T) fil-limiti tar-Rabat bil-qbiela ta' disa' liri (Lm9.00,0) fis-sena lill-intimat u illi huwa għandu bżonn dan ir-raba` sabiex jaħdimha hu għall-bżonnijiet tal-familja tiegħu u għalhekk talab li jiġi awtorizzat jirriprendi l-pussess li dan ir-raba` mill-poter ta' l-intimat u jiġi prefiss terminu qasir u perentorju lill-intimat biex jiżgombra, prevja l-likwidazzjoni u l-ħlas tal-benefikati legali jekk ikun il-każ skond il-liġi;

Ra r-risposta ta' l-intimat fejn issottometta illi hu dejjem ħallas lir-rikorrenti bħala prokuratur ta' ħaddieħor u għalhekk trid issir il-prova tat-titolu; illi mhux minnu li r-rikorrenti għandu bżonn ir-raba` sabiex jaħdimha hu għall-bżonnijiet tal-familja tiegħu kif jiġi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawża u illi fi kwalunkwe każ ir-rikorrenti għandu diversi għelieqi oħra li ma jagħmel l-ebda użu minnhom fil-waqt li l-esponenti m'għandux ħlief din l-għalqa li ilu jaħdem

għal snin twal;

Ra l-atti l-oħra kollha u d-dokumenti esibiti;

Sema' lill-partijiet minn jeddhom u bil-ġurament;

Sema' lill-avukati difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidra:

Kwantu għas-sottomissjoni ta' l-intimati dwar it-titolu tar-rikorrenti, l-istess rikorrenti esebixxa l-kuntratt ta' akkwist min-naħa tiegħu, ta' l-art in kwistjoni, barra illi l-istess intimati ma ġabu ebda prova dwar dak li huma allegaw f'dan ir-rigward u għalhekk it-titolu tar-rikorrent jirriżulta u ma hemm ebda dubbju dwar dan;

L-għalqa in kwistjoni hi tal-kejl superfiċjali ta' ħamest itmiem (5T). Ir-rikorrenti xehed illi jrid jieħu lura l-għalqa in kwistjoni biex jaħdimha hu għall-bżonnijiet tiegħu u tal-familja tiegħu. Ix-xogħol tiegħu jikkonsisti biss fix-xogħol tar-raba' u b'kollox huwa jaħdem 35 Tomna, li minnhom idaħħal f'sena circa Lm1462. Huwa jipperċepixxi wkoll xi mgħaxijiet minn investimenti lokali u barranin u b'kollox id-dħul tiegħu f'sena jammonta għal Lm1672. Ir-rikorrent huwa miżżewweġ u għandu tnejn mit-tfal tiegħu li għadhom jiddependu minnu għall-għixien tagħhom. F'dawn iċ-ċirkostanzi ma hemmx dubbju dwar il-bżonn min-naħa tar-rikorrent li jieħu lura l-għalqa in kwistjoni;

Kif jirriżulta mill-atti tal-kawża, fil-mori tagħha l-intimat Giuseppi Bugeja miet u l-ġudizzju ġie trasfuż fil-persuna ta' l-armla tiegħu u ta' wliedu sabiex il-kawża tissokta. Jirriżulta fil-fatt illi

dan ir-raba' in kwistjoni jinħadem minn wieħed mit-tfal ta' l-imsemmi Giuseppi Bugeja u ċjoe' minn Joseph Bugeja. Jirriżulta li dan jaħdem bħala *skilled labourer* mal-Gvern ta' Malta, hu miżżewweġ u għandu tliet itfal żgħar. Mill-imsemmi impjieg tiegħu huwa jdaħħal is-somma ta' Lm2173 fis-sena. Barra dan ir-raba' in kwistjoni huwa jaħdem raba' ieħor b'kollox 8 itmiem u nofs ($8^1/_2$) oħra u minn dan kollu, inkluż ir-raba' *de quo*, huwa għandu dħul ta' Lm1314 fis-sena, oltre li jirċievi ċ-*children allowance* li tammonta għal Lm410 fis-sena. Għalhekk b'kollox huwa f'sena għandu dħul ta' Lm3900 circa;

Kwantu għall-għalqa in kwistjoni l-istess intimat Joseph Bugeja għall-ewwel qal li huwa mill-istess għalqa jdaħħal Lm1000 u wara li jitnaqqsu l-ispejjeż li skond l-istess intimat, jammontaw għal circa Lm600. Fi stadju ulterjuri l-istess intimat xeħed li hu jdaħħal is-somma ta' Lm1000 netti minn din l-għalqa. In effett mhux verosimili li l-intimat idaħħal Lm1000 minn dina l-għalqa in kwistjoni biss. Fil-fatt b'kollox huwa jaħdem total ta' $13^1/_2$T u huwa qal li l-introjtu totali mir-raba' jammonta għal Lm1314 u għalhekk fi proporzjon huwa aktar verosimili li hu jdaħħal mill-istess għalqa mhux aktar minn Lm600 u jista' jkun anke anqas minn dan l-ammont. Difatti r-rikorrent, li huwa bidwi *full-time* qal li huwa għandu biċċa raba' ta' 4T fl-istess inħawi ta' dik in kwistjoni u hu jdaħħal minnha s-somma ta' Lm300;

Fi kwalunkwe każ pero' ma jistax jingħad illi din l-għalqa mhux importanti għall-finijiet tad-dħul globali ta' l-intimat. Minn eżami bir-reqqa ta' dawn iċ-ċirkostanzi kollha pero' l-Bord hu tal-fehma illi jekk it-talba tiġi milqugħa l-aggravji li jsofri l-intimat ikunu iżgħar mill-aggravji tar-rikorrent jekk it-talba tiġi miċħuda. Infatti jirriżulta illi l-intimat għandu bħala punti prinċipali ta' l-

introjtu tiegħu, l-impjieg mal-Gvern. Min għandu u jaħdem raba' ieħor li minnu wkoll idaħħal ammont mhux negliġibbli. F'każ li ma jibqgħax jaħdem dawn il-5T in kwistjoni hu ser jifdallu $8^1/_2$T. Min-naħa l-oħra r-rikorrent huwa b'din *full-time* u jgħid għandu membri tal-familja tiegħu jiddependu fuqu u ma hemmx dubbji li għandu bżonn li jżid l-introjtu annwali tiegħu li huwa wkoll anqas minn dak ta' l-intimat;

Għal dawn il-motivi:

Jiddeċidi billi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jawtorizzah jirriprendi l-pussess tar-raba' in kwistjoni u għall-fini ta' l-iżgumbrament jiffissa t-terminu sal-15 ta' Awissu, 1989 b'dan illi r-rikorrenti għandu jħallas lill-intimat fit-terminu preskritt mil-liġi s-somma ta' Lm87.70,0 liema somma ġiet iffissata mill-membri tekniċi tal-bord bħala l-kumpens xieraq dovut skond il-liġi, kif riżultanti mir-rapport ta' l-istess membri tekniċi li qed jiġi hemm anness u għandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza;

Spejjez kontra l-intimat";

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-intimati Carmela armla ta' Giuseppi Bugeja li permezz tiegħu talbu li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba billi tiċħad t-talbiet tar-rikorrent appellat bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

Rat ir-risposta ta' l-appellat Isidoro Agius għall-appell ta' l-intimati li biha issottometta li l-appell għandu jiġi respint billi d-deċiżjoni appellata hija ġusta u timmerita konferma;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-appell ta' l-intimati huwa bbażat fuq żewġ sottomissjonijiet;

Fl-ewwel lok l-appellanti qed jissottomettu li mhux veru li r-rikorrent appellat għandu bżonn l-għalqa *de quo*. F'dan ir-rigward l-appellanti jagħmlu riferenza għall-fatt illi tant l-appellat m'għandux dan il-bżonn illi fil-mori tal-ġudizzju huwa biegħ għalqa u b'hekk naqqas mir-raba' li kellu. Oltre dan jirriżulta ukoll li l-appellat mhux jisfrutta kompletament ir-raba' li għandu;

Fit-tieni lok l-appellanti jissottomettu illi ma ġiex ippruvat illi l-*hardship* tagħhom ikun iżgħar minn tar-rikorrent jekk it-talba tiegħu tiġi milqugħa;

Fil-mori ta' dan l-appell l-appellanti issottomettew li kienu tbiddlu ċ-ċirkostanzi tal-partijiet u din il-Qorti ordnat li jinstemgħu provi ġodda biex jiġi stabbilit x'inhi il-posizzjoni attwali finanzjarja tal-kontendenti;

Mill-provi miġbura jirriżulta li essenzjalment id-differenza kollha tikkonsisti f'li ġej u ċjoe':

a) ir-rikorrent appellat illum qed idaħħal *invalidity pension* ta' Lm18.50 fil-ġimgħa jiġifieri Lm962 fis-sena;

b) L-intimat Joseph Bugeja m'għadux jirċievi *childrens allowance* għat-tifel il-kbir tiegħu iżda l-istess tifel jirċievi *special allowance* ta' Lm1 fil-ġimgħa oltre li l-familja tipperċepixxi wkoll

*parental allowance* ta' Lm2 fil-ġimgħa u *family bonus* ta' Lm1 fil-ġimgħa;

ċ) Waħda mit-tfal tar-rikorrenti appellat bdiet taħdem;

d) Ir-rikorrent appellat biegħ għalqa ta' ħamest itmiem fil-mori tal-kawża bil-prezz ta' Lm3000;

e) L-intimat appellant Joseph Bugeja illum idaħħal paga *net* ta' Lm72.82 kull ġimgħatejn jiġifieri Lm1893.32 fis-sena mill-impjieg tiegħu mal-Gvern dan oltre *allowances* li jvarjaw;

f) Ir-rikorrent appellat li fil-bidu tal-kawża kellu mas-37 tomna raba illum għandu bejn 24 u 25 tomna;

Illi effettivament, din il-Qorti, meta tqis il-motivazzjoni li hemm wara d-deċiżjoni appellata tara li dan it-tibdil ftit li xejn jista' jkun rilevanti għall-eżitu ta' l-appell u dan għax mhux sinifikanti biżżejjed biex iwassalha għall-konklużjoni li għandha tiddisturba id-diskrezzjoni tal-Bord;

Infatti l-bażi tad-deċiżjoni appellata hija fis-sens illi fil-każ ta' l-intimat Joseph Bugeja d-dħul minn din l-għalqa għalkemm fonti importanti tal-qligħ tiegħu billi l-maġġorparti tal-qligħ tiegħu jiġi mill-impjieg li għandu mal-Gvern, mentri fil-każ tar-rikorrent jidher li prattikament il-qligħ kollu tiegħu u li hu inqas minn dak ta' l-intimat jiġi mill-biedja. Effettivament l-unika ħaġa li din il-Qorti dehrilha li għandha tissodisfa ruħha minnha huwa l-fatt li r-rikorrent iddispona minn art waqt il-mori tal-kawża. Jirriżulta pero' li l-għalqa li iddispona minnha biegħha sentejn qabel id-deċiżjoni appellata biex ikun jista' jżewweġ lil waħda minn uliedu u l-Bord

kien ġie informat b'dan u li l-kumplament tad-differenza ta' art li kellu r-rikorrent meta għal fatt illi hu kellu f'idejh raba' ta' ħuh li kien jaħdmu hu u li tiegħu ma kienx iħallas qbiela;

Kwantu għall-fatt illi illum ir-rikorrent appellat jidher li mhux qed jaħdem l-għelieqi hu u qed jirċievi pensjoni dan ma tantx jista' jkollu rilevanza għaliex dawn qed tieħu ħsiebhom bintu li għadha tgħix miegħu u jekk tbiddel xi ħaġa hu sempliċement li filwaqt li qabel, id-dħul mill-biedja bilkemm kien suffiċjenti biex jgħajjex familja, issa dan id-dħul ġie awmentat ftit bil-pensjoni, pero' xorta ma tbiddlitx iċ-ċirkostanza li l-biedja tikkostitwixxi l-fonti, prinċipali ta' qligħ tar-rikorrent;

F'dawn iċ-ċirkostanzi it-tibdil kollu indikat mill-partijiet fil-fehma tal-Qorti ma jbiddel xejn anzi *se mai* jidher li għandu jservi biex isaħħaħ id-deċiżjoni tal-Bord li ser tiġi kkonfermata;

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell, tikkonferma d-deċiżjoni appellata b'dan li t-terminu għall-iżgumbrament qed jiġi iffissat għal 15 ta' Awissu, 1992. L-ispejjeż ta' dan l-appell ikunu a kariku ta' l-appellanti";

L-appellanti intimati ħassewhom aggravati b'din is-sentenza u bil-petizzjoni tagħhom ippreżentata fil-31 ta' Lulju, 1992 talbu li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza msemmija tal-11 ta' Ġunju, 1992 u li tordna r-ritrattazzjoni tal-kawża skond l-artikolu 811(i) u (l) tal-Kap.12 u li tiċħad it-talba tar-rikorrent Agius - bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu;

Ir-ritrattat Agius oppona din it-talba u kkontenda li t-talba kienet waħda frivola u vessatorja billi ma kienet teżisti ebda raġuni

l-għala t-talba għar-ritrattazzjoni għandha tiġi milqugħa;

Illi fil-25 ta' Frar, 1993 ir-ritrattanti talbu li jiġu awtorizzati li jipproduċu żewġ xhieda billi ġie allegat li r-ritrattat Agius dan l-aħħar iddikjara li l-għalqa meritu tal-kawża ma għandux aktar bżonnha u se jżommha biss biex jagħmel mansab fiha. (Ara fol. 162);

Illi r-raġuni li r-ritrattanti ġiebu bħala bażi għat-talba tagħhom ġiet verbalizzata fl-udjenza tal-25 ta' April, 1995. Id-difensur aċċenna għall-fatt li f'din il-kawża meta kienet fl-istadju ta' l-appell ġew ammessi provi dwar ħames fatti ġodda. Id-difensur tar-ritrattanti issottometta li bħal ma setgħu jinġiebu provi ġodda fl-appell, hekk ukoll dan il-prinċipju għandu jestendi ruħu għall-proċedura tar-ritrattazzjoni;

Illi t-talba għall-produzzjoni ta' xhieda ġodda f'dana l-istadju ta' ritrattazzjoni ġiet opposta mill-kontroparti. Id-difensur tiegħu enfasizza li l-proċedura ta' ritrattazzjoni m'hijiex intiża biex jinħoloq tribunal tat-tielet istanza biex jiġu miżjuda ċirkostanzi ġodda mal-fatti ġa' akkwiżiti iżda biex il-kawża tiġi verament ritrattata entro l-arġini tad-disposizzjonijiet, *del resto* ta' interpretazzjoni strettissima, fuq il-provi li ġa' jeżistu;

Illi t-talba għar-ritrattazzjoni qiegħda issir għar-raġunijiet elenkati fil-paragrafi (i) u (l) ta' l-artikolu 811 tal-Kap. 12, ċjoe' fuq l-allegazzjoni li s-sentenza impunjata fiha disposizzjonijiet kontra xulxin u fuq l-allegazzjoni li l-istess sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża;

Illi kif sewwa ntqal diversi drabi mit-tribunali tagħna, ir-

rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wieħed ta' indoli straordinarja u r-regoli li jirregolawh huma ta' interpretazzjoni strettissima. Għalhekk ma jistax jiġi permess li l-litiġent sokkombenti li taħt il-pretest tar-ritrattazzjoni, jerġa' jiftaħ il-kawża u b'hekk indirettament jikkreja tribunal tat-tielet istanza;

Illi dan hu preċiżament dak li qegħdin jimmiraw għalih ir-ritrattanti. Huma jixtiequ li jifthu mill-ġdid il-kawża fuq l-allegazzjoni li r-ritrattat Agius m'għadx għandu bżonn l-għalqa in kwistjoni. Dan l-allegat fatt ġdid, assolutament ma jikkonċerna xejn il-motiv ta' ritrattazzjoni a bażi ta' l-artikolu 811 (i) u (l) u għalhekk it-talba tar-ritrattanti kkontenuta fir-rikors tagħhom a fol. 162 tal-proċess hija kompletament inammissibbli u qiegħda tiġi miċħuda;

L-ewwel motiv tat-talba għar-ritrattazzjoni hija li fis-sentenza impunjata hemm disposizzjonijiet kontra xulxin. Ir-ritrattanti spjegaw l-aggravju tagħhom b'dan il-mod:

"Illi l-esponent isostni illi hemm disposizzjonijiet kontra xulxin billi s-sentenza fuq imsemmija tal-11 ta' Ġunju, 1992 tgħid li r-rikorrent appellat Isidoro Agius għandu bżonn (fil-mument ta' dik is-sentenza) l-għalqa ta' l-esponenti, meta fil-fatt irriżulta mix-xhieda ta' l-istess appellat illi minn 35 jew 37 tomna raba' li kellu fil-bidu tal-kawża naqqas ir-raba' għal 24 jew 25 tomna, "billi ddispona mir-raba'". Jiġifieri qed jgħid li għandu bżonn l-għalqa ta' l-esponenti Joseph Buġeja li fiha <u>5T</u> meta hu volontarjament iddispona minn <u>ħdax jew tnax-il tomna</u>. Kieku kellu bżonn il-5T ta' l-esponent għaliex iddispona minn 11 jew 12-il tomna?";

Illi kif sewwa ssottometta d-difensur tar-ritrattat, dana l-aggravju ma jinkwadrax ruħu fl-inċiż (i) ta' l-artikolu 811 billi, kif

osservat din il-Qorti fis-sentenza riportata fil-Kollez. Vol. XXIX-I-795:

"Biex ikun hemm lok (għal ritrattazzjoni) fuq il-motiv tal-kontradizzjoni fis-sentenza hemm bżonn li tkun kontradizzjoni bejn id-diversi disposizzjonijiet kkotenuti fis-sentenza u mhux bejn id-dispozizzjonijiet u l-fatti li jirriżultaw mill-proċess";

Issir riferenza wkoll għas-sentenza ta' din il-Qorti riportata fil-Kollez. Vol. XXV-I-137 fejn jingħad:

"*Inoltre giusta il Mattirolo "Diritto Giudiziario Civile Italiano" Volume IV numeri 1029 e 1060 la contradizione non si ha da ritrovare nei motivi della sentenza, poiche` "la decisione del Giudice sta nel dispositivo della sentenza non nei motivi che costituiscono soltanto la parte razionale, la spiegazione del disposittivo"); la contradizione invece, che puo' fornire motivo di ritrattazione deve ritrovarsi nel disposittivo pioche' quando vi e` si fatta contradizione manca la base della sentenza stessa, la certezza del giudicato, la quale e' esclusa e distrutta dalla contradizione delle varie disposizioni della sentenza, o meglio, dalle contradizione nel disposittivo*";

Illi fil-każ odjern, din il-Qorti ma tara li hemm ebda kontradizzjoni fis-sentenza impunjata la fid-disposittiv, la fil-motivi u lanqas fir-rapport bejn il-motivi mad-disposittiv;

It-tieni raġuni tat-talba għar-ritrattazzjoni hija bbażata fuq l-inċiż (l) fl-artikolu 811 li jippermetti tali ritrattazzjoni jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża. Il-liġi stess tikkwalfika dan il-motiv hekk:

"Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-iżball, fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt li l-verita' tiegħu tkun bla ebda dubbju eskluża, jew fuq is-supposizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verita' tiegħu tkun stabbilita pożittivament, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza";

Illi r-ritrattanti spjegaw l-aggravju tagħhom hekk:

"Illi l-esponenti jsostnu illi jista' jingħad li s-sentenza attakkata hija l-effett ta' żball, billi l-Qorti meta ddikjarat li r-rikorrent Agius għandu bżonn l-għalqa (supposizzjoni ta' fatt) għamlet żball mix-xhieda ta' l-istess Agius quddiemha illi ddispona mir-raba' waqt il-kawża ta' kejl akbar mill-għalqa in kwistjoni";

Illi kif jingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti, riportata fil-Kollez. Vol. XXV-I-140:

"*Secondo questa disposizione l'errore che puo' costituire motivo di ritrattazzione deve essere un errore materiale di fatto e non un errore di criterio e di intepretazione*";

Din il-Qorti affermat ukoll (ara Kollez. Vol. XXVII-I-434):

"*Come venne ritenuto da questa Corte il 17 novembre 1920, in re* **Gauci *vs* Fenech** *(Collez. Vol. XXIV-I-609), l'errore di fatto perche' possa aprire l'adito alla ritrattazione deve risultare dagli atti e dai documenti della causa, e deve essere un errore materiale, intuitivo, risultante dal semplice confronto delle dichiarazioni della sentenza cogli atti e coi documenti, e non relativo ai criteri o caratteri coi quali il fatto e' stato appreso dal giudicante, perche' l-*

*apprezzamento e l'interpretazione del fatto costituiscono l'insindicabile convincimento del giudice. L'errore di fatto deve inoltre trovarsi in rapporto di casualita` colla decisione, ed e' necessario che il fatto non abbia formato un punto controverso e deciso colla sentenza impugnata*";

Illi għalhekk jekk l-iżball akkampat bħala motiv għar-ritrattazzjoni kien punt ta' kontestazzjoni li ġie maqtugħ bid-deċiżjoni impunjata, mhix ammessa r-ritrattazzjoni fuq il-motiv ta' dak l-iżball, u l-apprezzament u interpretazzjoni tal-fatti ma humiex sindakabbli, u ma jagħtux lok għar-rimedju legali tar-ritrattazzjoni (ara Kollez. Vol. XLI-I-47);

Illi fil-każ taħt eżami, l-allegat żball fis-sentenza impunjata akkampat mir-ritrattanti kien punt ikkontestat li ġie maqtugħ bid-deċiżjoni impunjata. Evidentement, ir-ritrattanti ma jaqblux ma' l-apprezzament u ma' l-interpretazzjoni li tinsab fis-sentenza appellata dwar il-bżonn tar-ritrattat ta' l-għalqa meritu tal-kawża. Pero`, din iċ-ċirkostanza ma tagħtix lir-ritrattanti d-dritt li jimpunjaw is-sentenza fuq il-bażi ta' l-inċiż (l) ta' l-artikolu 811, billi l-apprezzament u l-interpretazzjoni tal-fatti tal-kawża ma humiex sindakabbli u ma jagħtux lok għar-rimedju legali tar-ritrattazzjoni;

Għalhekk, id-domanda għar-ritrattazzjoni kwantu bbażata fuq l-imsemmi pretiż żball, lanqas hija ammissibbli;

Għal dawn il-motivi:

Tirrespinġi t-talba għar-revoka ta' l-imsemmija sentenza ta' din il-Qorti tal-11 ta' Ġunju, 1992 u għar-ritrattazzjoni tal-kawża -

bl-ispejjeż kollha kontra r-ritrattanti.